QORTI CIVILI PRIM`AWLA

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

Illum il-Hamis 16 ta` Novembru 2017

Kawza Nru. 18

**Fl-atti tar-rikors bin-numru 625/2016 JZM ta` Trudy Kerr (ID 51243A) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` rikorrenti The Creative Partners; u b`digriet moghti fil-15 ta` Novembru 2016 zdiedu l-kliem "Limited (C-52346)" wara l-kliem "The Creative Partners", li kienet dikjarata xjolta bi provvediment ta` din il-Qorti tat-30 ta` Marzu 2017**

**Il-Qorti :**

Rat id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc tal-kumpannija The Creative Partners Limited (C-52346).

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralc.

Rat l-atti li kienu prezentati fil-kors tal-istralc.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati ghal kollox.

U billi tharsu l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386.

Qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija The Creative Partners Limited (C-52346) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien sebat ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija The Creative Partners Limited (C-52346).

Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dak l-ordni.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**